Nru. 230

AWTORITÀ TA' L-IPPJANAR

Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni
Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar
l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri

MAĦŻEN ANTIK
(MANOEL'S RESTAURANT)
TRIQ MANOEL DE VILHENA
MĠARR (GĦAWDEX)

(ara l-pjanta f'paġna 2832) jista' jkun ta' valur storiku u arkitettoniku hekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetà msemmija hawn fuq, skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetà (Manoel's Restaurant), Triq Manoel de Vilhena, Mġarr, Għawdex, hija kkunsidrata bħala proprjetà tat-Tieni Grad, skond *Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura, minħabba l-valur arkitettoniku u storiku tagħha.

(ii) Ma jistgħux isiru xogħlijiet jew alterazzjonijiet kemm barra u kemm ġewwa ta' din il-proprjetà.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetà msemmija, li jistgħu jkunu permissibbli, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar wara konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċità s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni horox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

No. 230

PLANNING AUTHORITY

Emergency Conservation Order
Section 47 of the Development Planning Act 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely

OLD STORE HOUSE
(MANOEL'S RESTAURANT)
TRIQ MANOEL DE VILHENA
MĠARR (GOZO)

(see site plan on page 2832) could be of architectural and historical value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.


(i) The property (Manoel's Restaurant), Triq Manoel de Vilhena, Mġarr, Gozo, is to be considered as a Grade 2 listed property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and historic value.

(ii) No internal or external alterations will be permitted to any part of the said property.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above property, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords of Map:- Min E36467, N86869 Max E368901, N873341

St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

Emergency Conservation Order

Old Store House
(Manoel's Restaurant)
Triq Manoel de Vilhena
Mgarr, Gozo

Ref No. :- GF 0265/96

Form No. :- MU003